MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2008

Numru 897/2007

**S. Mifsud & Sons Limited (C341)**

**Vs**

**Hix Limited (C2327)**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fl-4 ta’ Dicembru 2007, fejn intalab li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ elfejn u sitta u erbghin Euro u tnejn u tmenin Euro centezmi (€2,046.82) ekwivalenti ghal tmien mija u tmienja u sebghin Liri Maltin u sebghin centezmu (Lm878.70) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-imghax kummercjali u bl-ispejjes.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex is-socjeta` konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta` konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tad-29 ta' Frar 2008, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elfejn u sitta u erbghin Euro u tnejn u tmenin Euro centezmi (€2,046.82) ekwivalenti ghal tmien mija u tmienja u sebghin Liri Maltin u sebghin centezmu (Lm878.70), bl-imghax kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez ta' dina l-istanza u dawk mitluba li ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------